

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/771

tat-13 ta' Mejju 2016

li tawtorizza temporanjament lil Spanja sabiex tapprova il-kummerċjalizzazzjoni taż-żerriegħa tal-ispeċi *Pinus radiata* D. Don impurtata minn New Zealand, li ma tissodisfax ir-rekwiżiti tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE fir-rigward tal-identifikazzjoni u t-tikkettar, u tal-istokk għat-tħawwil prodott minn dik iż-żerriegħa

(notifikata bid-dokument C(2016) 2784)

(It-test bl-Ispanjol biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 dwar il-marketing ta' materjali riproduttivi tal-foresti ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 18(1) tiegħu,

Wara li kkunsidrat it-talba ta' Spanja,

Billi:

- (1) Fi Spanja, il-produzzjoni taż-żerriegħa, u tal-istokk għat-tħawwil prodott miż-żerriegħa, tal-ispeċi tal-*Pinus radiata* li tissodisfa r-rekwiżiti għall-materjal riproduttiv, kif previst fid-Direttiva 1999/105/KE, attwalment mhijiex flivelli li jissodisfaw id-domanda tal-utenti aħharja. Il-materjal riproduttiv meħtieġ ma jistgħux ifornuh Stati Membri oħra billi l-Istati Membri li jistgħu jkunu f'qagħda li jfornu dawn iż-żrieragħ ma għandhomx l-ammonti ta' materjali li jkunu meħtieġa biex jiġu koperti l-ħtiġijiet ta' Spanja.
- (2) New Zealand qiegħda f'qagħda li tforni ammont biżżejjed ta' materjal tal-ispeċi kkonċernata, li huwa intiż għall-produzzjoni sussegwenti tal-istokk għat-tħawwil. Madankollu, din iż-żerriegħa ma tikkonformax mar-rekwiżiti tad-Direttiva 1999/105/KE f'dak li għandu x'jaqsam mal-identifikazzjoni u mat-tikkettar. B'mod aktar speċifiku, dak il-materjal mhu klassifikat febda kategorija tal-kummerċjalizzazzjoni stabbilita bid-Direttiva 1999/105/KE.
- (3) Minħabba f'hekk, Spanja talbet l-awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni biex, għal perjodu limitat, tapprova l-kummerċjalizzazzjoni taż-żerriegħa tal-*Pinus radiata* minn New Zealand, u tal-istokk għat-tħawwil prodott minn din iż-żerriegħa.
- (4) Spanja qed tistabbilixxi msagħar għaż-żerriegħa biex tkun tista' tkopri b'mod awtonomu d-domanda għall-istokk għat-tħawwil. Madankollu, minħabba l-perjodu itwal ta' produzzjoni taż-żrieragħ forestali, huwa stmat li n-nuqqas attwali se jibqa' għall-ħames snin li ġejjin. L-istima tal-ammont massimu meħtieġ fis-sena taż-żerriegħa tal-*Pinus radiata* hija ta' 400 kg.
- (5) Ma hemm l-ebda indikazzjoni li ż-żerriegħa jew l-istokk għat-tħawwil tal-*Pinus radiata* minn New Zealand ikollhom xi problemi jew riskji fir-rigward tas-saħħa, tal-kwalità jew tal-vitalità tagħhom.
- (6) Peress li Spanja hija l-uniku Stat Membru li qed jesperjenza din id-diffikultà temporanja fil-provvista taż-żerriegħa jew tal-istokk għat-tħawwil tal-ispeċi *Pinus radiata* lill-utent finali, l-approvazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għandha tkun ristretta għat-territorju ta' Spanja.
- (7) Konsegwentement, u sabiex din l-iskarsezza tkun koperta, għal perjodu limitat ta' żmien Spanja għandha tkun awtorizzata tapprova l-kummerċjalizzazzjoni taż-żerriegħa u tal-istokk għat-tħawwil prodotti miż-żerriegħa tal-ispeċi *Pinus radiata* li tissodisfa rekwiżiti anqas iebsa minn dawk previsti fl-Artikoli 13 u 14 tad-Direttiva 1999/105/KE f'dak li għandu x'jaqsam mal-identifikazzjoni u mat-tikkettar. Dik l-awtorizzazzjoni għandha tkun limitata għal kwantità massima ta' 400 kg ta' żerriegħa fis-sena, u għandha tapplika sal-31 ta' Marzu 2021.
- (8) Iż-żerriegħa u l-istokk għat-tħawwil ta' dan it-tip għandhom jiġu kkummerċjalizzati b'dokument li jkun fih ċerti dettalji tal-identifikazzjoni tagħhom. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni għandha ttipprovdi għar-rekwiżiti tal-identifikazzjoni u tat-tikkettar.

⁽¹⁾ ĠUL 11, 15.1.2000, p. 17.

- (9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI

Artikolu 1

1. Sal-31 ta' Marzu 2021, Spanja hija awtorizzata tapprova għall-kummerċjalizzazzjoni fit-territorju tagħha, skont ir-rekwiżiti stipulati fl-Anness, massimu ta' 400 kg fis-sena ta' żerriegħa tal-*Pinus radiata* D. Don, li tkun ġejja minn New Zealand, li tkun maħsuba għall-produzzjoni tal-istokk għat-tħawwil, u li ma tissodisfax ir-rekwiżiti previsti fl-Artikoli 13 u 14 tad-Direttiva 1999/105/KE f'dak li għandu x'jaqsam mal-identifikazzjoni u mat-tikkettar.

2. Sal-31 ta' Marzu 2021, Spanja hija awtorizzata tapprova għall-kummerċjalizzazzjoni fit-territorju tagħha, skont ir-rekwiżiti stipulati fl-Anness, stokk għat-tħawwil li jkun ġie prodott miż-żerriegħa approvata għall-kummerċjalizzazzjoni skont il-paragrafu 1, u li ma jissodisfax ir-rekwiżiti previsti fl-Artikoli 13 u 14 tad-Direttiva 1999/105/KE f'dak li għandu x'jaqsam mal-identifikazzjoni u mat-tikkettar.

Artikolu 2

Spanja għandha tinnotifika minnufih lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bi kwalunkwe deċiżjoni oħra meħuda skont din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju ta' Spanja.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Mejju 2016.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membri tal-Kummissjoni

ANNEX

Rekwiżiti tal-identifikazzjoni u tat-tikkettar taż-żerriegħa u tal-istokk għat-tħawwil, imsemmija fl-Artikolu 1.

1. L-informazzjoni kollha li ġejja hija meħtieġa għall-identifikazzjoni tal-materjal riproduttiv:

- (a) il-kodiċi ta' identifikazzjoni għall-materjal bażiku, jekk ikun disponibbli;
- (b) l-isem botaniku;
- (c) il-kategorija;
- (d) l-iskop;
- (e) it-tip ta' materjal bażiku;
- (f) jekk huwiex modifikat ġenetikament;
- (g) ir-reġjuni tal-provenjenza jew il-kodiċi tal-identità;
- (h) l-orijini, jekk ikun il-każ: jiġifieri jekk l-orijini tal-materjal hijiex awtoktona jew indiġena, mhux awtoktona jew mhux indiġena, jew mhux magħrufa;
- (i) il-provenjenza jew iż-żona ġeografika definita bil-koordinati ġeografiċi;
- (j) l-altitudni jew il-medda altitudinali;
- (k) is-sena tal-maturazzjoni.

2. It-tikketta jew id-dokument tal-fornitur għandha tinkludi l-informazzjoni kollha li ġejja:

- (a) l-informazzjoni fil-punt 1 ta' dan l-Anness;
 - (b) isem il-fornitur;
 - (c) il-kwantità fornuta;
 - (d) dikjarazzjoni li ż-żerriegħa u l-istokk għat-tħawwil prodott minn din iż-żerriegħa jissodisfaw rekwiżiti anqas iebsa minn dawk previsti fl-Artikoli 13 u 14 tad-Direttiva 1999/105/KE.
-